Kunsill Lokali Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

---

**MINUTI TAL ĦAMSA U GĦOXRIN LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** L-Erbgħa, 26 ta' Ġunju 2013

**Ħin:** Mill-9pm sat-11.50am

**Preżenti:**

It-Tabib John Zammit Montebello
It-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Guido Borg
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Stephen Gatt

**1. Approvazzjoni tal-Minuti tal-Erba' u Għoxrin laqgħa tas-Seba' Kunsill.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tal-Erba' u Għoxrin laqgħa ta' nhar l-Erbgħa 5 ta' Ġunju 2013. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mis-Sur Stephen Gatt, li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur Desmond Zammit Marmara'. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**2. Mill-Minuti**

Is-Segretarju informa lill-Kunsill rigward it-talba li saret mill-Ministeru tal-Enerġija għat-twaħħil ta' lampa ġdida quddiem Melita Gardens li ġiet sottomessa pjanta ta' fejn ser titwaħħal u l-Kunsill ma jsib ebda oġġezzjoni. Il-Kusnillier Zammit Marmara talab lis-Segretarju jekk jistax jikkuntattja l-Ministeru biex jibdew il-proċeduri.

Is-Segretarju informa lill-Kunsill li l-Management Letter 2013 intbgħatet lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Is-Sur Zammit Marmara informa lill-Kunsill li s-suġġeriment li kien għamel is-Sur G. Borg biex jinħatru mumru ta' periti li jagħmluha ta' liasion persons bejn il-MEPA u anke Transport Malta twasslet lill-Awtoritajiet konċernati fosthom lis-Sur Charlon Gouder u lill-Dr. Marc Sant.

Is- Sindku fir-rigward tal-laqgħa konsultattiva li saret mar-residenti ta' Triq Sisner u madwar Sisner qal li jidher li hemm consensus li jkun hemm sistema ta' one way f'dik it-triq imma hemm diverġenzi fuq liema parti tat-triq għandha ssir jiġifieri hemm min irid li tibqa' kif inhi eżistenti u hemm min irid li ssir fin-naħa ta' fuq kantuniera ma' Triq San Valentinu. Għaldaqstant talab lis-Segretarju biex jikteb lill-Transport Malta u jinfurmah b'dan biex minn hemmhekk tittieħed l-aħjar deċiżjoni fejn l-ewwel u qabel kollox

għandha titngħata kunsiderazzjoni lejn is-saħħa u s-sigurtà tar-residenti.

## 3. Zuntier tal-Knisja

Il-ħaddiema tal-Kunsill ħadu l-inizjattiva li jneħħu l-periklu tal-gebel minn ġo z-zuntier pero' x-xogħol ta' restorazzjoni ma jistax isir minn dawn il-ħaddiema temm jgħid is-Segretarju Eżekuttiv.

Huwa qal li sfortunatament m'hemmx evidenza konkreta ta' min ikkawża ħsara liz-zuntier għalkemm jidher li din ġiet ikkawzata minn karozza tal-linja tal-Arriva li ppruvat tgħaddi minn ġo dik il-parti d-dejqa tat-triq. Għaldaqstant tidħol il-kwistjoni ta' min ser jidħol għal dawn l-ispejjeż li skont rapport tekniku ta' perit imqabbad jammonta għall-ispiża ta' € 8500.

Is-Sindku ssuġerixxa li għandna niktbu lill-PPCD biex naraw il-possibilita' li dawn l-ispejjez jiġu inkorporati fix-xogħolijiet li għaddejjin bħalissa fir–rigward tat-tisbieħ tal-Pjazza - ERDF 205.

Sadanittant il-Viċi Sindku ser jiltaqa' ma' Camray, il-kuntratturi tal-proġett biex tingħata stima oħra tax-xogħolijiet li jridu jsiru fuq iz-zuntier.

## 4. Proġett ERDF 205

Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm il-project administrator tal-proġett, is-Sur Mark Causon fejn ta rendikont tax-xogħolijiet li saru kif ukoll dak pendenti fejn informa lill-Kunsill li għall-aħħar fażi t-talba tal-Kunsill lill-PPCD biex jiġi estiż il-proġett għal tlett xhur ġiet approvata u jrid jitlesta' kompletament sa l-aħħar ta' Settembru 2013.

Jidher ukoll li l-flus ipprogettati mill-Unjoni Ewropeja mhux ser jintużaw kollha u għalhekk is-Sindku ħabbar li l-flus li jibqa' jintefqu biex jiġi restawrat ix-shelter eżistenti fil-pjazza, dejjem jekk ikun hemm l-approvazzjoni tal-PPCD u l-vijabilita' tiegħu. Sadanittant il-Kunsill kiteb lis-Surpretendent tal-Wirt Storiku biex jiltaqa' miegħu u jiġi spjegat lill-Kunsill xi proċess irid jittieħed f'dan ir-rigward.

Is-Segretarju informa lill-Kunsill li l-kuntratt tal-Project Administrator jintemm fl-aħħar ta' Ġunju u għalhekk trid tittieħed deċiżjoni jekk hux ser jiġi estiż il-kuntratt sal-aħħar ta' Settembru. Il-Kunsill unanimament iddeċieda li jtemm il-kuntratt ma' Europe Direct.

Il-Kunsill talab lis-Segretarju jekk jistax ikompli jagħmel dan ix-xogħol bil-bona volonta' tiegħu anke jekk dan muwhiex parti mix-xogħol tiegħu. Is-Segretarju fid-dawl tal-fatt li l-proġett irid jitlesta u jiġu ffrankati l-flus aċċetta li dan ix-xogħol jitkompla minnu.

## 5. Skema ta' Finanzjament għar-Restawr ta' Postijiet Storiċi Żgħar.

Il-Kunsill qabel li jagħżel dik ta' Design and Technical Resources Limited peress li din kienet l-aħjar offerta kif ukoll il-Kunsill jaħseb li mhux ser jidħol għal proġetti li jammontaw għal aktar minn € 50,000 fit-tlett snin li ġejjin.

## 6. Tender C.A. 1/13-Servizzi ta' Perit mal-Kunsill Lokali- Aġġudikazzjoni

Is-Segretarju ta aġġornament tax-xogħolijiet mibgħuta mill-Project Administrator, is-Sur Mark Causon fejn sas-27 ta' Mejju għandha titlesta l-fażi preżenti u jibda x-xoghol fuq l-aħħar fażi tal-proġett li għandu jitlesta sal-aħħar ta' Ġunju.

Is-Segretarju poġġa fuq il-mejda kopja *draft* tal-Heritage Map biex tiġi approvata qabel ma tmur għall-istampar. Il-Kunsilliera taw il-veduti tagħhom u għandhom isiru xi arranġamenti minuri. Il-mappa ġiet approvata mill-Kunsill.

Hawnhekk is-Sindku talab lis-Segretarju biex jikteb lill-entitajiet u stabbilimenti kummerċjali biex il-Kunsill jara min hu interessat biex issir l-inawgurazzjoni tal-*Heritage Trail.*

## 7. Korrispondenza

Cirkolari AKL 39/2013-Tħawwil ta' Siġar. Il-Kunsill qed jissuġġerixxi li dan it-twaħħil ta' siġar isir fi Triq L-Imdina bejn l-MFSA u l-Akwedott.

Memo 10/2013 - Kuntratti tal-Kunsill Lokali. Is-Segretarju bagħat din l-informazzjoni lid-Dipartiment għall-Kunsilli Lokali.

Ittra mingħand resident fuq permess tal-MEPA 4961/07 fejn ilmenta li l-Kunsill ma ħax azzjoni dwar dan l-iżvilupp wara li ġie infurmat minn xi Uffiċċjal tal-MEPA li ma rċieva ebda ittra. Is- Segretarju poġġa fuq il-mejda korrispondenza li ntbgħatet lill-Mepa nhar it-2 ta' Ottubru 2007 fejn il-Kunsill ħa azzjoni.

Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-ittri l-oħra li rċevejna u qabel li jkompli jsegwi l-interessi tal-Kunsill kif ikun meħtieġ.

## 8. Rapport dwar l-Ilmenti

Dwar ilmenti li rċieva l-Kunsill f'dan il-perjodu l-Kunsill ġie nfurmat illi dawn ġew konsiderati u li tkun ittieħdet azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjoni ta' kull min ikun ippreżenta l-ilment.

## 9. Komunikazzjoni tas-Sindku

Ma kienx hemm aktar komunikazzjoni x'jgħaddi.

## 10. Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlas ta' Petty Cash

Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data sas-26 ta' Ġunju 2013 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 38, 471,38.

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier is-Sur S.Gatt li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur G. Borg. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

Is-Segretarju poġġa fuq il-mejda il-kwotazzjonijiet li ntefgħu fir-rigward ta' Cash Collection Services fejn intefgħet offerta waħda li kienet ta' G4S Limited għas-somma ta' € 20 kull kollezzjoni. Il-Kunsill approva unanimament din l-offerta.

## 11. Suġġerimenti u Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

Is-Sur Desmond Zammit Marmara ressaq talba ta' residenta fi Triq Valent Muscat biex il-parking isir fuq in-naħa l-oħra tat-triq. Ser issir applikazzjoni ma' Transport Malta. Talba oħra saret biex fi Triq Ġuże Bonnici ma jsirx ipparkjar fuq żewġ naħat kif ukoll biex fi Triq it-Tlett Knejjes titwaħħal mera' tat-traffiku. Ser issir applikazzjoni ma' Transport Malta biex din il-mera titwaħħal fi Triq it-Tlett Knejjes kantuniera ma' Triq Santu Rokku.

Is- Sur Zammit Marmara talab lis-segretarju jekk jistax ikollu f'idejħ l-istruzzjonijiet ta' kif wieħed għandu iżomm aġġornat il-websajt tal-Kunsill. Is-Segretarju ser ikellem lill-persuna kkonċernata.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Ħamis, 25 ta' Lulju 2013 fil-5pm.

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| **Dr. J. Zammit Montebello** | **Mark Mallia** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

____________________
Data